be HOLD

# Triq is-salvazzjoni

Hilary Spiteri © 2007

```
Intro: G  D  C  D (x3)   G  D  C -

G                         Bm     C                G
Raġġ ta dawl li jifred is-sħab, imewwet il-foga u trab.
G                         Bm              C                      G
Jagħti nifs lil ħsibijiet tagħna, bħal qawsalla f' nofs sema bir-ragħad.

    C                   G      C              G
Bil-preġudizzji u kompromessi, ħloqna ħafna inċertezzi,
  C                        G                              D
Insejna lil ta madwarna, insejna l-kliem li Qal fuq il-muntanja

                   G                      D
Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ħobbu intom lil xulxin.
                       Em                        D
Għax din hi l-imħabba vera, li jiena tajt ħajti għall-bnedmin.

                  G                       D
Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ħobbu intom lil xulxin.
                          Em                              D
Din hi t-triq għas-salvazzjoni, u li twassalkom għand Missieri.

Riff: G  D  C  D  G  D  C  -

Sajjieda tal-bnedmin għamilhom, u l-kelma tiegħu ħallielhom.
L-Ispirtu tiegħu nefaħ fuqhom, u b' ilsna tan-nar, moħħhom dawwlilhom.

Fejjaq il-morda fit-trejqat ta pajjiżu, u b' festa ta palm laqgħuh niesu.
B' salib ikkundannawh, minħabba l-kliem li Qal fuq il-muntanja

Bħalma ħabbejtkom jien...

Solo:  G  -  D  -  Em  -  D  -

        C         G                      C         G
Jien ir-Ragħaj, u intom n-ngħaġ, jien id-dielja, u intom il-frieghi.
     C                 G            C                     D
Hekk tkunu ħaġa waħda miegħi, jekk tgħixu dal-kliem b' kuraġġ.

Bħalma ħabbejtkom jien...

Outro Riff: G  D  C  D  G  D  C
```

